**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Charles Attard ta' 52 sena iben Vincent u Maria xebba Mula li joqghod 22, Triq Frangisk Portelli, Gharb, Ghawdex jew Nru 13, Triq Fra Diegu, Marsa, Malta.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 26036 M)**

Illum 20 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-2 ta' Dicembru 1998 ghall-habta tas-12:40p.m. fl-Gharb, Ghawdex verbalment insulenta u hedded u fizikament ipprova jagredixxi lil Joseph Felice kif ukoll hedded lil John Agius, Karl Xerri, ilkoll ufficcjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dak is-servizz, bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, f'sit fi Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex, kif ukoll ai termini ta' l-artikolu 56 (1) (d) ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp talli ipprova jfixkel lill-istess ufficcjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet taghhom skond il-Ligi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-provedimenti kontemplati fl-Artikolu 56 (1) ta' l-Att I ta' l-1992.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li semghet illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar accediet fuq il-post ta' l-imputat biex twaqqa` zvilupp li in parti kien illegali. L-imputat tela' minn Malta malli sema' b'dan u wara certu aggressivita lejn Joe Felice tant li aggredieh u kellu jinzamm mill-Pulizija.

Rat l-artikoli 95 tal-Kap 9 u 56 (1) (d) ta' l-Att I ta' l-1992;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur